**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 11**

**Data:** **25 ta' Marzu 2025**

**Hin:** **9.05am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

11.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

11.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

11.5 Korrispondenza u Rapporti;

11.6 Progetti u Xogholijiet;

11.7 Cat Sanctuary

11.8 Attivitajiet;

11.9 Budget 2025;

11.10 Materji ohra;

11.11 Skeda ta' Pagamenti;

11.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**11.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

11.1.1 Joseph Mizzi talab sabiex jigi skuzat peress la ma setax jattendi minhabba impenji ta' xoghol. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jigi skuzat.

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.3.1 Ma kienx hemm komunikat mis-Sindku.

**11.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

11.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet mill-Kunsilliera,

**11.5 Korrispondenza u Rapporti**

11.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghall-permezz ta' zvilupp mill-Awtorita' tal-Ippjanar;
PA/01008/25, PA/01095/25, PA/01246/25, PA/01265/25, PA/01417/25, PA/01476/25, PA/01662/25 u PA/01727/25.

**11.6 Progetti u Xogholijiet**

11.6.1 Is-Sindku spjega li bhalissa ghaddejin ix-xogholijiet fi Triq Tumas Cassar u dawn jidhru li mexjin sewwa tant li sa sitt xhur ohra ghandhom ikunu lesti. Huwa qal li kif diga gie diskuss waqt il-laqgha tal-Kunsill il-Kunsill qed jitlob ghall-fondi addizjonali mall-budget ta' din it-triq sabiex jigu koperti x-xogholijiet kollha li jridu jsiru. Saret talba ukoll ghall-varjazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex tigi approvata kif ukoll il-fondi adizzjonali mill-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sindku spjega ukoll li ghas-servizzi iridu jsiru tlett jew erba' manholes fejn fil-prezent tnejn minnhom ser jithallsu mill-Water Services Corporation.

11.6.2 Progett iehor li gie diskuss kien dak tal-latrina ta' Triq Trux fejn dan ghandu jinheles sa nofs April bl-installazzjoni tal-latrini automatici. Gie spjegat li l-latrina ta' Triq Trux ghandha kollox lest filwaqt li dik ta' Ta' Pinu irid jsir l-iskavar minhabba d-drenagg.

11.6.3 Is-Sindku qal li ghall-ARB Complex il-Kunsill kien ghamel talba sabiex isiru xi ghamara u bibien min-naha tas-sezzjoni tal-mastrudaxxija tal-Gvern.

11.6.4 Bhala ventilazzjoni tal-pool, gie spjegat li l-Kunsill kellu zewg kwotazzjonijiet pero' peress li x-xogholijiet kienu mehtiega li jsiru mill-iktar fis intalbet ukoll it-tielet kwotazzjoni fejn fil-prezent il-Kunsill kien ghadu jistenna risposta. Il-Kunsill qabel li jekk din tkun fl-istess prezzijiet ta' l-ohrajn ghandu jmexxi bit-tielet wahda sabiex ix-xogholijiet isiru mill-iktar fis.

11.6.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu talba sabiex student li jattendu l-Middle School juzaw il-pool bhala parti mis-suggett taghhom tal-isports. Din it-talba qeghda ssir sakemm tinfetah u tibda' tintuza l-pool tal-Padeljun tar-Rabat. Is-Sindku ssugerixxa sabiex dawn jinghataw access u jiehdu hsieb l-istudenti l-ghalliema taghhom stess. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel li ghandhom jinghataw il-possibilita' li juzaw il-pool.

11.6.6 Saret referenza ghall-assikurazzjoni tal-Kunsill fejn il-Kunsill inghata kwotazzjoni minghand il-kumpanija tal-assikurazzjoni prezenti li l-istima telghet ghal €7200. Sadanittant il-Kunsill talab kwotazzjoni ohra sabiex naraw ikunx hemm differenza fil-prezz. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li jekk il-prezz ikun irhas ghandu jidhol mall-assikurazzjoni l-gdida.

11.6.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill qieghed fil-prezent jistenna li jigu approvati l-fondi tas-*savings* ghal Triq San Katald. Sadanittant kif kien hemm qbil inhareg it-tender biex il-process jithaffef.

11.6.8 Il-Vici Sindku staqsa jekk kienux inbiddlu l-pjanti tad-djar tal-anzjani. Is-Sindku qal li l-process kien wasal fejn ghadu qed isir ir-rapport tal-ufficjal.

Huwa staqsa dwar l-applikazzjoni ghall-permess tal-B&B ta' Triq Trux fejn is-Sindku qal li anke din kienet ghadha tinstenna r-rapport tal-ufficjal. Is-Sindku qal li d-dar tal-anzjani ghalkemm m'humiex f'ODZ pero' qeghdin inqas minn ghaxar piedi imbeghda mir-residenzi. Tonio Mifsud qal li dawn qeghdin juzaw ukoll ghelieqi privati.

**11.7 Cat Sanctuary**

11.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu proposta minghand id-dilettanti tal-animali dwar progett ta' *cat sanctuary* fejn fil-prezent m'hemmx wiehed gewwa Ghawdex. Is-Sindku qal li hemm possibilita' li jsir fi Triq Frangisk Portelli fejn hemm kamra fejn il-grawnd tal-futbol li prezentament tintuza bhala store tal-Kunsill. Dan huwa post idejali peress li huwa distanti mir-residenzi u hemm access tajjeb minhabba li hemm rampa diga. Gie spjegat li dan il-post jiflah madwar 40 qattus. Jekk jintuza dan il-post iridu jingabu l-permessi necessarji u anke min-naha tad-Dipartiment tal-Artijiet. Li jkun hemm bzonn huwa li jsiru zewg kmamar u zona fuq barra ghall-qtates. Is-Sindku zied jghid li min-naha tal-Kunsill kull ma jrid jaghmel huwa li japprova l-post u bhala spejjez jiehdu hsieb huma stess. Il-Kunsill qabel li dan il-post jintuza ghal dan il-progett tal-cat sanctuary.

**11.8 Attivitajiet**

11.8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li ser jigu organizzati fil-gimghat li gejjin li jinkludu l-Infiorata li ssir f'Hadd il-Palm. Din ser tkun segwita' b'attivita' tal-bajd tal-Ghid bhala *workshop* ghat-tfal. Gle innotat li diga hemm madwar sebghin tfal imnizzla biex jattendu. Aktar tard fl-istess gurnata jsir il-kuncert tal-Banda.

11.8.2 Attivita' ohra li ser tigi organizzata hija l-Community Service Day li hija ppjanata ghal 11 ta' Mejju. Il-Kunsill iddiskuta din l-attivita' u qabel li l-attivitajiet jibdew wara l-quddiesa tal-10am.

11.8.3 Is-Sindku informa lill-membri li gew approvati l-fondi ghall-Kite and Wind Festival 2025.

11.8.4 Is-Sindku ssugerixxa sabiex bl-attivita' tal-Clean Up the World il-Kunsill japplika biex tinxtara ghodda ghat-tindif li juzaw il-haddiema.

11.8.5 Is-Sindku ssugerixxa li l-festival il-gdid li gie diskuss precedentament ghandu jigi organizzat f'Mejju 2026. Huwa qal li l-assocazzjoni barranija giet ikkuntatjata pero' l-Kunsill ghadu jrid jara jekk jinghatax fondi ghal din l-attivita'. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din l-attivita' fejn gie spjegat li l-assocazzjoni barranija tithallas bhala €15,000 sa €20,000 u l-akkomodazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jara li apparti l-15% ma johrog aktar fondi minn tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi kif diskuss u propost.

**11.9 Budget 2025**

11.9.1 Is-Sindku pprezenta l-Budget li git ppreparat ghas-sena 2025. Huwa qal li din is-sena kien hemm tnaqqis mill-allokazzjoni minhabba li l-fondi ghall-iskart ghaddew dirett ghandi r-Regjun. Huwa spjega ukoll li fil-prezent ir-Regjun kien qed jaghmel ezercizzju biex jara ezatt x'tnaqqis fil-fondi u jikkordina mall-Gven Centrali sabiex il-budget jitranga.

**11.10 Materji ohra**

11.10.1 Kien issuġġerit li jsir xi tip ta' bus shelter fil-Pjazza. Is-Sindku qal li kien diġà isemma li jsir wiehed fil-bidu ta' Triq Dun Alwig jew wara l-Kunsill. Il-Vici Sindku ssugerixxa li jsir wiehed temporanju li jkun jiżżarma meta jkun hemm bżonn. Fl-istess waqt Lisa Marie Brooke issuġġeriet li jsir *retrectable.* Is-Sindku qal ukoll li tista' tintuża wahda mill-*huts* li ghandu l-Kunsill. Tkompliet id-diskussjoni fejn kien hemm qbil li ghandu jiġi kkuntatjat il-Perit peress li din hija *conservation area.*

11.10.2 Tonio Mifsud issuġġerixxa li ssir Christmas in August. Is-Sindku qal li hija ideja tajba pero' ghal din is-sena hu ftit tard biex jiġi organizzat.

11.10.3 Tonio Mifsud staqsa jekk il-vjagg tal-Ghid hux ha jiġi organizzat fejn is-Sindku qal li ma jidhirx li dan ser isir peress li min-naha ta' Franza ma kienux disponibbli u ghalhekk huwa ssugerixxa li jsir f'Settembru. Is-Sindku qal li kien hemm proposta ghar-Rumanija ukoll. Is-Sindku zied jghid li biex tiġi organizzata gita minghajr ma tiġi kkuntatjata aġenzija, dan ikun jirrikjedi hafna xoghol u hin. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li gimgha wara l-festa ssir ghal Sqallija jew anke French Riviera. Is-Sindku qal li jekk issir gita ghal French Riviera tista' ssir żjara lill-Kunsill ta' Marseille. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinhareg l-avviz. Fuq l-istess tema,

11.10.4 Is-Sindku qal li kien hemm proġett fejn il-Kunsill Lokali tal-Gharb huwa *partner* ta' ġemellaġġ. Huwa qal li fil-bidu ta' Mejju kien hemm stedina biex il-Kunsill jattendi u jitla' r-Romanija. Is-Sindku qal li huwa mhux disponibbli biex imur u stieden biex min jixtieq jitla' u jattendi ghal-laqghat jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv.

11.10.5 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika ghal fondi tan-Network of Twinned towns bil-patecipazzjoni ta' *partners* taljani, portugizi u Rumanija. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu japplika.

11.10.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva email mill-ambaxxata Portugiza fejn hemm proposta ta' ġemellaġġ ma' Fatima u peress li l-Kunsill kellu s-Santwarju ta' Pinu min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ippropona l-Kunsill tal-Gharb. Bhala Kunsill kien diġà

wera l-interess tieghu u qed nistennew l-evalwazzjoni min-naha taghhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li jekk hu possibbli ghandu jidhol ghal dan il-gemellagg.

**11.11 Skeda ta' Pagamenti**

11.1.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**11.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

11.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 29 ta' April, 2025 fid-9am.

11.12.2 Il-laqgha spiccat fid-9.50am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv